MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 87/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Xavier Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Francis Xavier Borg talli b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn l-ahhar xhur immedjatament wara l-15 ta' Novembru 2004, u fl-istess data:

1) zamm jew haddem jew ippermetta li jhaddem attivita` kummercjali u cioe` manifattura ta' doughnuts/helu fil-fond 'Dolceria Siciliana' li jinsab gewwa Triq San Frangisk, San Gwann, minghajr licenzja ta' l-Awtorita` kompetenti;

2) minghajr licenzja mill-Awtorita` kompetenti fetah jew zamm hanut tax-xoghol jew haddem u/jew ippermetta li tinhadem arti jew sengha (dolceria), li jistghu idejqu lill-girien, jew li jistghu jkunu kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha, jew zamm hwejjeg li jikkagunaw fwar, ghabra jew irwejjah li jaghmlu deni, jew li jaghtu fastidju;
3) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku;
4) fl-istess data, hin u lok f'hinijiet differenti bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba li tordna li minbarra l-piena applikabbli ghal dawn ir-reati, l-imsemmi Francis Xavier Borg jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb, ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq, dik il-licenza, permess jew awtorita` f'ismu.

Finalment il-Qorti giet mitluba wkoll illi minbarra li taghti l-piena, tordna lill-hati, meta jkun il-lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih saru dawn il-kontravvenzjonijiet, jew skond ic-cirkostanzi, li jesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti moghti lilu ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti, taht penali li tigi ffissata mill-Qorti fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat li r-raba' imputazzjoni hija preskritta u ghalhekk ma sabitx lill-imsemmi Francis Xavier Borg hati ta' dik ir-raba' imputazzjoni u minnha lliberatu, ma sabitux hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25), ordnat li l-ammenda inflitta tithallas immedjatament u fin-nuqqas tigi konvertita f'detenzjoni bir-rata ta' hames liri Maltin (Lm5) kuljum, ordnat li l-istess Francis Xavier Borg inehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar mid-data tas-sentenza taht penali ta' tliet liri Maltin (Lm3) kuljum fin-nuqqas, u ordnat ukoll li jkun skwalifikat milli jottjeni licenzja fir-rigward ghall-perijodu ta' sena (1) mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Francis Xavier Borg pprezentat fid-29 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u thassarha fejn l-appellant instab hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull htija w piena dwar din l-imputazzjoni, u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma in sintesi s-segwenti: (1) In kwantu nstab hati skond it-tieni imputazzjoni ghal ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali hi preskritta; (2) Galadarba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li licenzja mahruga mill-awtorita` kompetenti kien hemm, it-tieni imputazzjoni ma setghet qatt treggi peress illi wiehed mill-elementi kostituttivi taghha kien nieqes; (3) Il-penali kontemplat fl-artikolu 321(1) tal-Kap. 10 ma tistax teccedi z-Lm2 kuljum u inoltre tali artikolu huwa applikabbli biss ghall-kontravvenzjonijiet kommessi bi ksur tal-Kap. 10.

Din il-Qorti hi kjamata biex tiddeciedi dwar jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni li tghid testwalment li “minghajr licenza mill-awtorita` kompetenti” l-appellant fetah jew zamm hanut tax-xoghol jew haddem u/jew ippermetta li tinhadem arti jew sengha (dolceria) “li jistghu jdejqu lill-girien, jew li jistghu jkunu kagun ta’ rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha” jew zamm hwejjeg li jikkagunaw fwar, ghabra jew irwejjah li jaghmlu deni, jew li jaghtu fastidju.

L-Ewwel Qorti kkonkludiet li “l-fond in dizamina jirrizulta munit bid-debita licenzja biex jinhadem dak indikat fl-istess licenzja” u li “ovvjament jinghad ukoll li l-ebda licenzja ma tawtorizza lill-possessur idejjaq lill-girien fl-operat ta’ l-istess”.

Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li xehed quddiem din il-Qorti **Charles Muscat**, *principal officer* mat-Trade Licensing Department. Dan ix-xhud qal li d-Dolceria Siciliana ta' Triq San Frangisk, San Gwann – il-fond mertu ta' din il-kawza – huwa licenzjat fuq Gaetano Costa, I.D. 48695(M), filwaqt li fuq Francis Xavier Borg ma hemm l-ebda licenzja. Qal ukoll li s-sistema taghhom hi li "tassessja l-licenzjat u mhux fuq il-post".

F'kaz parallel kontra l-istess appellant u deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' April 2005, gie ritenut hekk:

**"Illi skond ix-xiehda tal-addett tad-Dipartiment koncernat pero` l-licenzja tohrog fuq il-persuna u mhux fuq il-post u li mhux suppost li l-licenzja jhaddimha haddiehor. Apparti l-prassi dipartmentali, din il-Qorti tifhem li hekk ghandha tigi interpretata l-ligi kif fuq riprodotta u emfasizzata, ghaliex meta tinghata licenzja skond il-Kap. 441 u r-Regolamenti fuq citati, <u>din tinghata lill-persuna</u> li tkun legalment responsabbli ghaliha u li tezercita s-sengha, l-arti, mestier jew professjoni skond il-ligi u skond il-kondizzjonijiet tal-licenzja u mhux lil xi fond inanimat li m'ghandux personaita` guridika fizika jew morali."**

Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni u ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti, kellu jirrizultalha li l-appellant ma kellux licenzja. Billi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, u ma gie ntavolat l-ebda appell mill-Avukat Generali, u billi din il-Qorti trid tiddeciedi biss dwar it-tieni imputazzjoni <u>kif imposta</u>, sejra tirreferi mill-gdid ghas-sentenza precitata fejn gie deciz proprju jekk tistax treggi imputazzjoni bhal dik kontenuta fit-tieni wahda hawn dedotta kontra l-appellant:

**"Illi ghalkemm mix-xiehda mismugha minn din il-Qorti hu assodat li l-appellant tul il-perijodu msemmi fic-citazzjoni zamm hanut tax-xoghol jew haddem jew ippermetta li tinhadem arti u sengha (dolceria) li**

**jistghu jdejjqu l-girien, jew li jistghu jkunu kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara, jew zamm hwejjeg li jikkagunaw fwar jew irwejjah li jaghtu fastidju u ghalkemm il-ligi li setghet talvolta tkun inkisret b'tali agir mhux dik li setghet giet citata erronjament mill-Ewwel Qorti imma se mai r-Regolament 14(2) tal-Avviz Legali 102 tal-2002 u l-paragrafi 02.1, 3 4 u 0.9 tat-Tieni Skeda tal-istess Avviz Legali, peress li dan ir-Regolament jippreskrivi li '… <u>licenzja mahruga</u> taht dawn ir-regolamenti ghandha tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mnizzla fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti', ma jidhirx li tista' tinstab htija skond dan ir-Regolament. Dan ghaliex, fil-kaz in ezami, kif gja` gie deciz fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-appellant fil-perijodu in kwistjoni ma kellux licenzja. Konsegwentement kif issottometta l-appellant fl-aggravji tieghu, ma jistax jinsab hati li hu kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja, una volta li licenzja ma kellux. Ghalhekk huwa ovvju li din l-imputazzjoni jew inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, f'kaz li kellu jirrizulta li l-appellant kellu licenzja li tkoprieh jew inkella nghatat bi zball. Ghalhekk taht dawn l-aspetti l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija skond it-tieni imputazzjoni jidhru fondati."**

Peress illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-appellant ma kellux licenzja mill-awtorita` kompetenti biex jiggestixxi l-hanut in kwistjoni, dak li ntqal fil-bran appena citat japplika wkoll fil-kaz odjern dwar it-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) li ghandha tithallas immedjatament u fin-nuqqas tigi konvertita f'detenzjoni bir-rata ta' hames liri Maltin (Lm5) kuljum, ordnatu li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta' tliet liri (Lm3) kuljum u skwalifikatu milli jottjeni licenzja fir-rigward ghal perijodu ta' sena mid-data ta' dik

is-sentenza u minflok issib lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------